MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 482/2004

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Marie Louise Berry, u b'digriet tal-31 ta' Jannar, 2005 il-kunjom Berry gie mibdul b'Urry', sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Marie Louise Berry**

**Vs**

**Joseph Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut ghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundanat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u hmistax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1,615.71), jew somma ohra verjuri, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominandi, liema somma tirrapprezenta danni sofferti mill-attrici Marie Louise Berry fl-incident

awtomobilistiku tad-9 ta' Awissu, 2003 fi Triq Hal-Far, Zurrieq, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABL 301 misjuqa minn Rita Berry u propjeta' tal-imsemmija Marie Louise Berry, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 075 misjuqa mill-konvenut, ghall-liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, hlief mitt lira Maltija (Lm100.00) rapprezentanti excess imhallsa mill-attrici, u prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut u li biha eccepixxa bir-rispett :-

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut izda unikament tort ta' Rita Urry u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-incident kien gie investigat minn <u>PC256 Charles Aquilina</u> (fol 40, 46 et seq ibid) u dan esebixxa kopja tal-<u>iskizz</u> li jinsab fol 42 tal-atti. Minn dan jidher illi l-incident gara f'triq li fuq ix-xellug tmur lejn Hal-Far u fuq il-lemin, lejn iz-Zurrieq. Jidher ukoll li l-incident gara f'parti tat-triq li <u>tidjieq u mhux ghad-dritt</u>. Dwar il-vetturi jidher illi dik

misjuqa minn Rita Urry kienet gejja minn parti wiesa ghal wahda, fejn it-triq tidjieq u dan mid-direzzjoni taz-Zurrieq, waqt li dik misjuqa mill-konvenut kienet gejja mid-direzzjoni opposta u kienet tinsab ‘l barra. Jigi notat li skond l-istess skizz, il-vettura misjuqa mill-konvenut tinsab “on the proper side of the road”, waqt li dik misjuqa minn Rita Urry tinsab oltre l-linja medjana immaginarja tal-istess triq.

Ikkunsidrat

Illi Rita Urry li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Fiat numru ABL 301 u xehdet a bazi tar-ritratti esebiti mill-konvenut (a fol 55 sa fol 58 u fol 60 sa fol 63 ibid). Hi sostnit illi kienet il-boghod mill-haxix, fuq ix-xellug taghha, madwar tmien (8) pulzieri u kienet qed issuq b’velocita’ “bejn tletin (30) u erbghin (40)” (presumibilment kilometri fis-siegha). Dwar il-vettura misjuqa mill-konvenut tal-marka Maruti numru IBE 075. Dwar dan tal-ahhar hi xehdet illi “jiena lilu ma rajtux, hadt ‘brake’ kbir meta (f’) daqqa wahda rajtu ma’ wicci ‘head-on’”. Hi sostniet illi kienet familjari mat-triq in kwistjoni u illi zewg vetturi ma jghaddux minnha “ …..... flimkien”.

In kontro esami hi ammettiet illi kellha maghha tifla ta’ sena bhala eta’ fuq is-‘seat’ ta’ wara”, u mhux “…… bil-wieqfa fuq is-‘seat’ ta’ quddiem”. Pero’ wara hi biddlet dan li ghadha kemm qalet billi xehdet “Forsi iva kienet bil-wieqfa bejn is-‘seats’”. In rigward l-istess tifla, din ma kienetx qed tizfen izda kien hemm ir-radju mixghul. Dwar il-vettura l-ohra din kienet “……. mill-hajt tieghu kien il-boghod ftit ma kienx il-barra”. Dwar l-iskizz, fl-ahhar nett, ma jidhirx illi din ix-xhud ikkontestatu kontrarjament ghal dak li xehdet l-attrici, Marie Louise Urry (a fol 65 sa fol 68 ibid u fol 74 sa fol 77 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 91 et seq ibid), xehed li meta gara l-incident hu kien akkumpanjat minn martu Emanuela (fol 99 et seq ibid) u zewgt itfal (fol 96 u fol 101 et seq ibid). Meta sab quddiemu “kantuniera (ossija liwja) zghira li tilwi

lejn ix-xellug”. Meta wasal hemm, hu waqaf u daqq il-‘horn’ u meta ma sema’ xejn, hu saq il-quddiem u dar il-kantuniera u kif kien ghadu fuq is-‘second gear’, “rajt faccata tieghi karrozza Punto” gejja ghan-nizla b’velocita’ ta’ madwar erbghin (40) kilometru fis-siegha. Fil-vettura l-ohra, oltre Rita Urry, is-sewwieqa, kien hemm ukoll tifla zghira “……… fuq is-‘seat’ tal-passigier………… bil-wieqfa izzomm mad-‘dash board’”. In oltre l-istess sewwieqa kienet qed thares la genba, lejn it-tifla. In oltre minhabba li, fil-karozza l-ohra l-‘stereo’ kien mixghul il-konvenut jghid illi, meta ghal darb’ohra, hu daqq il-‘horn’, Rita Urry ma setghetx tisimghu, meta ra hekk, hu waqaf u “…….. stennejt l-impatt” peress li avolja Rita Urry kienet ghafset il-‘brake’, kien tard wisq sabiex jigi evitat l-impatt.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-Qorti trid tkun sodisfatta, a bazi tal-provi prodotti illi mill-istess prova, is-socjeta’ attrici nomine et ipprovat fuq bazi ta’ probabilita’ illi l-konvenut kien responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni u negligenza fis-sewqan da parti tieghu. Jigi sottolienat, illi minn esami tal-istess provi, ma rrisultax illi l-konvenut kien effetivament negligenti fis-sewqan, lanqas fuq bazi ta’ kontributjeta. Jigi rilevat illi minhabba it-triq in kwistjoni kif hawn fuq deskritta, il-Qorti hi tal-fehma illi s-sewwiq kien obbligat li jiehu prekawzzjonijiet <u>aktar minn dawk normali</u>. F’dan il-kaz ma rrisultax illi l-konvenut ma hax dawn il-prekawzzjonijiet. Anzi hemm <u>indizji</u> illi Rita Urry ma kienetx qed issuq, fil-parti dejqa tat-triq bid-debita kawtela billi jidher illi hi kienet astokolata fis-smigh minhabba l-uzu tal-‘stereo’, illi setghet kienet disturbata fis-sewqan mit-tifla li kienet maghha u illi mill-iskizz jidher li kienet oltrepassat il-linja medjana immaginarja tal-istess triq, dawn kollha fatturi li, flimkien, setghu kienu l-kawza ta’ din il-kollizjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mis-socjeta’ attrici nomine et.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------